MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 135/2017/1 LM

**Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 1242/2017 fl-ismijiet:**

**Uffiċjal Mediku Ewlieni u s-Segretarju Parlamentari tas-Saħħa**
***(l-appellanti)***

***vs.***

**Angelo Briffa (K.I. nru 178378M)**
***(l-appellat)***

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanti **Uffiċjal Mediku Ewlieni** u **s-Segretarju Parlamentari tas-Saħħa** minn sentenza mogħtija fil-11 ta' Lulju,

2019 (minn issa ’l quddiem “is-sentenza appellata”), mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa ’l quddiem “l-ewwel Qorti”), li permezz tagħha ddeċidiet li:

> *“... id-dikjarazzjoni ġuramentata notifikata lir-rikorrent bl-att ġudizzjarju tat-28 ta’ April 2017, ippreżentati a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12, hija bla effett u konsegwentement hija wkoll infondata t-talba hekk dedotta, u f’dan is-sens biss tilqa’ t-talba tar-rikorrent fir-Rikors promutur, b’kull riserva si et quatenus ta’ kull dritt ta’ azzjoni oħra spettanti lill-intimati kontra r-rikorrent għar-rifużjoni tal-ammont pretiż.*
>
> *L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.”*

## **Fatti**

2. Il-kwistjoni bejn il-partijiet bdiet wara li l-appellat **Angelo Briffa** kien għamel żmien impjegat bħala messaġġier, u fix-xhieda tiegħu l-appellat spjega li kien hemm drabi meta huwa kien jintalab jaħdem bħala xufier, kif ukoll bħala uffiċjal tas-sigurtà, fil-Ministeru tas-Saħħa fuq kuntratt definit, liema kuntratt kien jistipula li apparti ħlas tas-salarju kull erba’ ġimgħat, l-appellat kellu jitħallas ukoll *allowance* li tammonta għal għoxrin fil-mija (20%) tas-salarju ta’ impjegat tal-Gvern fi Skala 14, kif ukoll *allowance* addizzjonali sa €116.50 f’każ li huwa jintalab jaħdem aktar minn tlieta u għoxrin (23) siegħa addizzjonali ta’ xogħol. Dan il-kuntratt kien jistipula wkoll li l-appellat ma kellu jedd għall-ebda ħlas ieħor għal xi sigħat addizzjonali li seta’ jintalab jaħdem.

**Mertu**

3. Il-proċeduri odjerni nbdew mill-appellat Angelo Briffa b'reazzjoni għal ittra uffiċjali li huwa rċieva mill-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern u mis-Segretarju Parlamentari tas-Saħħa, sabiex jirrifondi lura l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u sebgħa u disgħin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€3,497.32) rappreżentanti ħlasijiet mhux dovuti għal sahra li huwa għamel fiż-żmien meta kien impjegat mad-Dipartiment tas-Saħħa. It-talba tad-Dipartiment tas-Saħħa għar-rifużjoni ta' din is-somma saret *ai termini* tal-artikolu 466(2) tal-Kap. 12. Fir-rikors tiegħu b'reazzjoni għal din l-ittra uffiċjali, l-appellat Angelo Briffa qal li t-talba tad-Dipartiment tas-Saħħa għar-radd lura tal-imsemmija somma, hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u għandha tinġieb prova dwar l-ammont li qiegħed jiġi pretiż permezz ta' din il-proċedura.

4. L-appellat kien impjegat bħala *person of trust* fuq kuntratt definit mal-Ministeru tas-Saħħa sabiex jagħmel xogħol bħala messaġġier, liema kuntratt daħal fis-seħħ fl-14 ta' Marzu, 2013. L-appellat spjega li apparti xogħol ta' messaġġier, kien hemm drabi meta huwa ntalab jagħmel xogħol ta' xufier jew ta' uffiċjal tas-sigurtà. Skont il-kuntratt tal-impjieg tiegħu, għax-xogħol tiegħu huwa kellu jitħallas salarju fiss kull erba' ġimgħat, filwaqt li kellu wkoll dritt għall-ħlas ta' *allowance* li tammonta għal 20% tas-salarju ta' impjegat taċ-Ċivil fi Skala ta' Salarju 14, bħala kumpens għal sigħat żejda li l-appellat seta' jintalab jagħmel. L-appellat kellu wkoll dritt jitħallas *allowance* addizzjonali ta' €116.50 f'każ li s-sigħat żejda ta' xogħol li jintalab jagħmel kienu ser jeċċedu t-

tlieta u għoxrin (23) siegħa fix-xahar. Minkejja dan, jirriżulta li għal perijodu ta' żmien, l-appellat ippreżenta dikjarazzjonijiet bl-ammont ta' sigħat żejda li nħadmu minnu, u rċieva ħlas tagħhom bl-awtorizzazzjoni tad-Dipartiment. Mill-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti jirriżulta li kien biss erba' snin wara li kienu saru dawn il-ħlasijiet, li d-Dipartiment tas-Saħħa pproċeda kontra l-appellat sabiex dan jirrifondi lura l-ħlasijiet żejda li kienu sarulu.

5. Fir-risposta tagħhom għar-rikors intavolat mill-appellat, l-awtoritajiet tas-saħħa wieġbu li l-ammont indikat fl-ittra uffiċjali mibgħuta minnhom huwa dovut mill-appellat peress li l-ħlas ta' dawn il-flus lilu kien sar bi żball, u tali pagament sar bi ksur tal-kuntratt iffirmat mill-appellat stess. Intqal li dan hu każ ta' *overpayment* għaliex Angelo Briffa ngħata ħlasijiet li huwa jaf li ma kinux dovuta lilu.

6. L-ewwel Qorti semgħet diversi xhieda, fosthom dik ta' Claudio Tonna li kien *Chief of Staff* mal-Ministru tas-Saħħa ta' dak iż-żmien, Dr Godfrey Farrugia, li kkonferma li dak iż-żmien fil-Ministeru kien hemm ħafna ħaddiema jagħmlu l-*overtime,* u lilu ħadd ma kien infurmah li ħaddiema bħall-appellat ma kellhomx dritt jitħallsu għas-sigħat żejda li jaħdmu. Dan ix-xhud qal li kien hu li diversi drabi kien jitlob ħaddiema bħall-appellat jidħlu xogħol f'ħinijiet strambi, u lilu ħadd qatt ma qallu li kien qiegħed jagħmel xi ħaġa irregolari. Xhud ieħor, Ivan Vella li kien *Head of Secretariat* bejn l-2015 u l-2016, qal li kien biss f'Marzu tal-2016 li huwa ġie mgħarraf li kien hemm irregolaritajiet fil-ħlasijiet li saru lil xi ħaddiema, u li kien hemm xi ħaddiema li ma kellhomx dritt

jitħallsu għas-sahra minħabba li kellhom *allowance* sabiex tkoprihom għal sigħat żejda li setgħu jintalbu jaħdmu.

7. Quddiem l-ewwel Qorti, l-appellat Angelo Briffa spjega li minkejja li oriġinarjament huwa kien ingaġġat mad-Dipartiment tas-Saħħa bħala messaġġier, kien hemm drabi fejn anki ntalab jagħmel xogħol ta' xufier, u kien anki għamel kors sabiex ikun ikkwalifikat bħala uffiċjal tas-sigurtà. L-appellat qal li huwa kien jintalab jidħol xogħol f'sigħat irregolari u kien jitħallas għax-xogħol li kien jagħmel. Qal li erba' snin wara li kien jaħdem mad-Dipartiment tas-Saħħa, kien intalab jirrifondi dawn il-flus lura permezz ta' ittra uffiċjali li ntbagħtet lilu *ai termini* tal-artikolu 466(2) tal-Kap. 12. Fis-sottomissjonijiet li saru quddiem l-ewwel Qorti, l-appellat sostna li skont l-artikolu 466 tal-Kap. 12, sabiex kap ta' dipartiment tal-Gvern ikun jista' jirkupra allegat debitu dovut lill-istess dipartiment permezz ta' din il-proċedura, dan għandu fl-ewwel lok jikkonferma li dak id-debitu huwa dovut. L-appellat sostna li f'dan il-każ ma nġiebet l-ebda prova li tikkonferma b'ċertezza kemm kien l-ammont dovut lill-appellanti. L-appellat sostna wkoll li meta huwa ffirma l-kuntratt tal-impjieg tiegħu, huwa ma kienx jaf li kien ser ikollu jaħdem ħinijiet twal, u l-ħlas tas-sahra beda jsir biss wara li kien hemm ħafna ilmenti mill-impjegati li sabu ruħhom jaħdmu ħinijiet skabrużi ħafna mingħajr ma kienu qegħdin jiġu kkumpensati tagħhom. L-appellat qal li huwa tħallas biss għal sigħat żejda maħduma minnu li kienu ġew approvati, u qal ukoll li kull ħaddiem għandu dritt għal rimunerazzjoni ġusta għax-xogħol li jagħmel.

Fis-sottomissjonijiet li għamlu quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti sostnew li Angelo Briffa kien qiegħed jirċievi *allowance* ta' għoxrin fil-mija (20%) fuq is-salarju tiegħu u dan bħala kumpens għal xi sigħat żejda li hu seta' jintalab jaħdem. Briffa kien intitolat ukoll għal *allowance* addizzjonali f'każ li s-sigħat żejda li hu seta' jintalab jaħdem kienu jeċċedu t-tlieta u għoxrin (23) siegħa fix-xahar. Huma saħqu li kienet ġustifikata l-azzjoni tagħhom *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 li permezz tagħha huma qegħdin jitolbu li jirkupraw dawn il-flus lura. L-appellanti saħqu fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, li r-rikorrent hawnhekk appellat, ma jistax jgħid li ma kienx konsapevoli tal-klawsoli relattivi tal-kuntratt tax-xogħol tiegħu, u l-volontà tal-kontraenti fi kwalunkwe kuntratt li jiġi ffirmat hija suprema.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

8. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Lulju 2019, l-ewwel Qorti ddeċidiet li d-dikjarazzjoni ġuramentata notifikata lir-rikorrent bl-att ġudizzjarju tat-28 ta' April, 2017, u ppreżentata a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, hija bla effett u konsegwentement hija wkoll infondata t-talba hekk dedotta, u f'dan is-sens biss tilqa' t-talba tar-rikorrent fir-rikors promutur, b'kull riserva *si et quatenus* ta' kull dritt ta' azzjoni oħra spettanti lill-intimati kontra r-rikorrent għar-rifużjoni tal-ammont pretiż, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Il-pretensjoni tal-Uffiċjal Ewlieni tal-Gvern fl-ittra uffiċjali tat-28 ta' April 2017 ippreżentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12, hija għar-rifużjoni mingħand ir-rikorrent ta' somma flus rappreżentanti ħlas żejjed ta' sahra, liema somma qed jiġi pretiż li tħallset lir-rikorrent indebitament.*

*Permezz tar-rikors promutur odjern, ippreżentat mir-rikorrent fis-16 ta' Mejju 2017 a tenur tal-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12, ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara t-talba għall-ħlas magħmula fl-ittra uffiċjali bħala waħda infondata stante illi ebda ammont ma huwa dovut mir-rikorrent in linea ta' rifużjoni ta' ħlasijiet żejda. Ir-rikorrent jikkontesta wkoll li l-ammont reklamat fl-ittra uffiċjali msemmija u sostna illi l-intimati jridu jġibu prova tal-ammont li qed jgħidu li huwa dovut lilhom.*

*Ikkunsidrat:*

*Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-proċedura kontemplata mill-Artikolu 466 tal-Kap. 12 ġiet introdotta u hija intiża sabiex tiffaċilita l-proċess ta' ġbir ta' krediti dovuti lid-dipartimenti tal-Gvern u lill-entitajiet magħquda li jkunu mwaqqfa mil-liġi bil-għan evidenti illi jitnaqqsu l-ispejjeż u d-dewmien marbutin ma' proċeduri ġudizzjarji ordinarji. Din il-proċedura tesiġi li d-debitur jiġi notifikat, permezz ta' att ġudizzjarju, b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-kap tad-Dipartiment kreditur, liema att ġudizzjarju, jekk ma jiġix kontestat skont kif tipprovdi l-liġi, ikollu l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti.*

*Iżda, biex id-dipartiment jew korp ikkonċernat ikun jista' jipprevalixxi ruħu minn din il-proċedura, jeħtieġ li jiġu osservati numru ta' rekwiżiti elenkati fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 466(1) li jipprovdi hekk:-*

> *466 (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpanija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex* ***jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u/jew dritt ta' xi liċenzja jew dritt jew taxxa oħra dovuti,*** *huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur,*

*imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut (enfasi tal-Qorti).*

*Għandu jingħad illi l-proċedura kkontemplata fl-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12, billi huwa mezz eċċezzjonali għall-ġbir ta' krediti u tapplika biss għall-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u entitajiet oħra speċifikati fl-imsemmi dispożizzjoni tal-liġi, hija waħda speċjali bħala tali għandha tingħata tifsira u tiġi segwita ad letteram fl-applikazzjoni tagħha. Multo magis meta wieħed jikkunsidra illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 466 ikun qed jitqassar sostanzjalment il-mezz li jwassal għall-otteniment ta' titolu eżekuttiv u dan bit-tneħħija tal-ħtieġa li tiġi segwita l-proċedura kontenzjuża ordinarja għall-ġbir tal-krediti. Għalhekk, biex jiġi assigurat illi ma jiġux mittiefsa d-drittijiet tad-debitur li jikkontesta effettivament il-pretensjoni tal-kap tad-Dipartiment relattiv, jenħtieġ kawtela kbira fl-użu ta' din il-proċedura.*

*Wara kollox, kif inhuwa paċifiku fl-ordinament ġuridiku tagħna, il-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubbliku u bħala tali r-regoli proċedurali jeħtieġu li jiġu osservati rigorożament u ad unguem.*

*Il-korollarju ta' dawn il-konsiderazzjonijiet huwa, inevitabbilment, illi l-Qorti hija prekluża milli tagħti effett lil proċediment speċjali f'ċirkostanzi fejn ir-rekwiżiti stipulati espressament mil-liġi evidentement mhumiex sodisfatti. B'applikazzjoni għall-każ odjern, dan ifisser sabiex id-Dipartiment ikkonċernat jista' jaġixxi skont il-proċedura speċjali taħt l-Art. 466 tal-Kap. 12, għandhom jiġu sodisfatti mingħajr eċċezzjoni, il-kriterji kollha elenkati fid-dispożizzjoni fuq ċitata, u konsegwentement ix-xorta tad-debitu li jkun qed jiġi pretiż mill-kap tad-Dipartiment in kwistjoni, trid taqa' strettament f'waħda mill-kategoriji ta' dejn imfissra fis-subinċiż (1) tal-Artikolu 466. Il-Qorti hija tal-fehma illi din il-proċedura ma tistax, għalhekk, issib applikazzjoni għal kwalunkwe xorta ta' dejn pretiż mill-Gvern iżda biss għal dawk id-debiti elenkati kategorikament fis-subinċiż (1) tal-Artikolu 466, ċioe dejn dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, jew dritt jew taxxa oħra dovuti lill-Gvern. Kwindi l-ħtieġa li l-kap tad-Dipartiment ifisser fid-dikjarazzjoni ġuramentata, ix-xorta tad-dejn pretiż mid-Dipartiment tiegħu.*

*Hawnhekk tinsorġi inevitabbilment id-domanda: kif jista' ħlas żejjed ta' sahra lil impjegat tal-Gvern, jinkwadra bħala dejn dovut lill-Gvern meta huwa evidenti illi f'dan il-każ il-Gvern ma ta ebda servizz jew provvista lill-allegat debitur u lanqas ma tista' l-pretensjoni in kwistjoni titqies bħala penali, kumpens, dritt jew taxxa dovuta*

*lill-Gvern. F'dan il-każ l-intimati aġixxew għal rifużjoni ta'* ***ammont allegatament imħallas żejjed,*** *u kwindi l-azzjoni tagħhom mhijiex għall-ġbir ta' dejn fis-sens imfisser mill-Artikolu in diżamina, iżda hija waħda ta' indebiti solutio kif ravviżata fl-Artikoli 1021 u 1022 tal-Kodiċi Ċivili.*

*L-azzjoni indebiti solutio hija maħsuba biex kull min jirċievi sew xjentement jew bi żball, ħaġa li ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili u lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li min għandu jkun irċeviha bla jedd. Inoltre kull min billi jaħseb, bi żball, li hu debitur iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura mingħand il-kreditur. L-oġġett ta' din l-azzjoni hija r-restituzzjoni tal-ħlas indebitu, ċioe ta' dak li ġie mħallas meta fil-verità, ma kellux jingħata.*

*Kif ġie ritenut in materja[1], il-liġi tagħti din l-azzjoni għar-radd tal-ħlas mhux mistħoqq:-*

> *"... mhux biss meta kull ma tħallas ma kienx mistħoqq iżda wkoll għalkemm, meta hemm xi ħlas ikun mistħoqq, ikun tħallas żejjed milli kien mistħoqq u jekk jiġri hekk min ħallas jista' jfittex għar-radd ta' żejjed imħallas."*

*Intqal ukoll in propositu illi:-*

> *"id-dritt għar-ripetizzjoni ta' dak li huwa ħallas bħala indebitu hu fondat fuq il-prinċipju kbir ta' ekwità li ma tippermettix li wieħed jirrikixxi ruħu b'dannu ta' għajru."[2]*

*Ikkunsidrat:-*

*Il-Qorti tifhem il-fattispeċje tal-pretensjoni kif impostata mill-intimati fl-att ġudizzjarju notifikat lir-rikorrent ("ħlasijiet żejda ta' sahra mid-Dipartiment tas-Saħħa")[3], jikkonfiguraw perfettament fil-parametri tal-azzjoni indebiti solutio, u dan huwa rikonoxxut anke mill-istess intimati fir-Risposta tagħhom għar-rikors promutur, fejn fissru t-talba tagħhom għar-rifużjoni tas-somma mitluba, bħala "ħlas illi kien sar bi żball", lir-rikorrent.*

---

[1] **Anton Azzopardi noe et *vs* Lawrence Ciantar et noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April 1998.

[2] **Joseph Rossi vs Victor Cilia et**, deċiża nhar il-11 ta' Marzu 1970 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

[3] Il-Qorti hawnhekk tosserva illi l-Artikolu 466(1) jesiġi li x-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur jiġu dikjarati fid-dikjarazzjoni ġuramentata u mhux fl-att ġudizzjarju li jiġi notifikat lid-debitur.

*Kif ingħad, il-proċedura eċċezzjonali taħt l-Artikolu 466 teħtieġ applikazzjoni stretta u ma tistax tintuża biex jinġabru djun oħrajn li ma jaqgħux fil-parametri kategoriċi tal-Artikolu 466(1), u peress illi f'dan il-każ huwa evidenti li l-pretensjoni ma tinkwadrax fit-termini tal-istess Artikolu, il-Qorti tqis illi l-intimati ma setgħux fiċ-ċirkostanzi, jipprevalixxu ruħhom mill-imsemmija proċedura speċjali biex jiġbru l-ammont li qed jippretendu li huma ħallsu indebitament lir-rikorrent. Huma kellhom minflok, jipproċedu fil-kontenzjuż bil-proċediment ordinarju sabiex il-qorti tiddetermina l-eżistenza o meno tal-jedd tal-indebiti solutio kif pretiż mill-intimati.*

*Għaldaqstant, il-Qorti tqis li peress illi l-proċedura li biha mxew l-intimati mhijiex siewja għaliex ma saritx in ottemperanza mar-rekwiżiti sostantivi tal-istess Artikolu, ma tistax għalhekk, fi kwalsiasi każ, tipproduċi l-effett maħsub mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 466(2), ċioe l-effett ta' ġudikat kwantu għall-ammont dikjarat fid-dikjarazzjoni ġuramentata. Konsegwentement, magħmula u mfassla b'dan il-mod, id-dikjarazzjoni ġuramentata u t-talba relattiva notifikati lir-rikorrenti bl-att ġudizzjarju tat-28 ta' April 2017, ma jiswewx għall-finijiet tal-Artikolu 466.*

*Il-Qorti hija tal-fehma li tista' tieqaf hawn għaliex ma tistax, fiċ-ċirkostanzi, tinvesti l-fondatezza o meno tat-talba fil-mertu. Dan jista' jsir biss mill-qorti kompetenti fi proċediment ordinarju."*

## **L-Appell**

9. L-appellanti ppreżentaw l-appell tagħhom fis-26 ta' Lulju 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

*"... tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati datata nhar il-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet premessi, in kwantu li taqta' u tiddeċiedi li d-dikjarazzjoni ġuramentata notifikata lill-appellat ippreżentata a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 permezz tal-att ġudizzjarju ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) tikkostitwixxi titolu eżekuttiv, u filwaqt li tiċħad it-talba tal-appellat bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

10. L-appellanti jgħidu li huma jħossuhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti għaliex: (i) is-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla minħabba li hija *extra petita* u *ultra petita* u hija bbażata fuq mertu li ma ġiex imqajjem minn xi wieħed mill-partijiet fil-kawża*;* (ii) l-ewwel Qorti kienet skorretta meta naqset li tagħmel apprezzament tal-provi prodotti mill-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellanti u fid-dawl tar-risposta tal-appellat, u dan b'riferiment għal dak li ġie deċiż mill-ewwel Qorti.

*L-ewwel aggravju: nullità tas-sentenza tal-ewwel Qorti*

L-appellanti jsostnu li sentenza ta' Qorti għandha tkun ibbażata fuq it-talbiet li jkunu ġew imressqa u f'dan il-każ l-appellat ma ressaq l-ebda talba bbażata fuq in-nullità tal-azzjoni għaliex kienet imsejsa fuq l-artikolu 466 tal-Kap. 12 minflok fuq xi dispożizzjoni oħra tal-liġi. Għalhekk, jgħidu l-appellanti, id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija *ultra petita* u *extra petita* peress li ġiet ibbażata fuq punt proċedurali li ma ġiex isollevat jew ittrattat fl-ebda stadju tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti. L-unika sottomissjoni li għamel l-appellat kienet li l-appellanti ma ġabu l-ebda prova li l-ammont reklamat huwa verament dovut. L-appellat imkien ma eċċepixxa li l-proċedura li rrikorrew għaliha l-appellanti

mhijiex applikabbli, u għalhekk id-deċiżjoni finali mogħtija mill-ewwel Qorti kienet imsejsa fuq binarji li kienu differenti mit-talbiet imressqa mill-appellat fir-rikors tiegħu. Intqal ukoll mill-appellanti li l-ewwel Qorti marret lil hinn mill-mertu meta qalet li l-appellanti kien imisshom irrikorrew għal azzjoni ta' *indebiti solutio,* tenut kont li l-ħlas mitlub minnhom kien jinkwadra ruħu taħt l-artikoli 1021 u 1022 tal-Kodiċi Ċivili, minflok taħt l-artikolu 466 tal-Kap. 12. L-appellanti jikkontendi li l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, li skont l-appellanti għandu japplika sabiex jinġabar kwalunkwe ammont ta' flus dovut lil xi Dipartiment tal-Gvern.

Id-difensur legali tal-appellat waqt it-trattazzjoni tagħha qalet li s-sentenza tal-ewwel Qorti timmerita konferma, u dan għaliex l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-ittra uffiċjali kif dedotta ma kinitx skont l-artikolu 466 tal-Kap. 12, u konsegwentement il-Qorti għaddiet biex annullat dik il-proċedura. Intqal ukoll li minkejja li Qorti ma tistax *a sua sponte* tissuġġerixxi x'eċċezzjonijiet kellhom isiru, madanakollu fi kwistjonijiet ta' ordinament pubbliku, il-Qorti tista' tqajjem eċċezzjonijiet *ex officio.* Għalkemm il-Qrati għandhom jiddeċiedu l-mertu li jkollhom quddiemhom fit-termini ta' dak li jkun qiegħed jintalab min-naħa u ta' dak li jkun qiegħed jiġi eċċepit min-naħa l-oħra, il-Qrati jistgħu jissollevaw minn jeddhom kwistjonijiet ta' ordni pubbliku. Hekk pereżempju, f'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Gatt *vs.* Joseph Galea**[4], il-Qorti qalet:

[4] 12.07.1965.

> "F'okkażjonijiet oħra din il-Qorti ssenjalat il-prinċipju magħruf illi l-Imħallef Ċivili għandu, fl-għoti tas-sentenzi f'kawżi joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruħu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet, min-naħa l-oħra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx għad-deċiżjoni tiegħu, *a meno che* non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imħallef hu obbligat li jirrileva *ex officio*."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Melita Cable plc *vs.* Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**[5], il-Qorti wara li għamlet riferiment għad-deċiżjoni appena ċċitata, qalet:

> "Jinżel minn din l-enunċjazzjoni illi jinkorri f'vizzju ta' ultra petizzjoni dak il-ġudikant li jippronunzja ruħu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estraneja għall-oġġett tal-ġudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli *ex officio.* Wisq raġonevolment, dan ma jfissirx illi l-ġudikant hu b'xi mod ristrett milli jindividwa n-natura eżatta tal-azzjoni jew li jqiegħed a bażi tal-pronunċjament tiegħu konsiderazzjonijiet ta' dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizjattiva tagħhom, għax tali fakultà taqa' fl-attribuzzjonijiet tiegħu. Jingħad, di fatti, fost it-tagħlim tal-Mattirolo illi '*non pecca di ultra petita la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere della parte medesima, o dei motivi in fatto che emergono degli atti della causa.'* (**Marchese Riccardo Cassar Desain nomine *vs* Giovanni Spiteri**, Appell Ċivili, 25 ta' Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-ġudikant jibqa' fl-arġini ta' dak lilu domandat jew eċċepit."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Ronald Agius et *vs.* Paul Portelli**[6], il-Qorti spjegat illi:

> "Kif ampjament jirriżulta mill-ġurisprudenza nostrali l-prinċipji ġuridiċi in materja jipprovdu li: (i) il-Qorti għandha toqgħod għat-termini tad-domanda jew domandi; u

---

[5] App. Ċiv. (Inf.), 13.02.2009.
[6] Q.A., 02.03.2007.

> s-sentenza għandha tkun konformi għad-domanda. Jekk imbagħad il-Qorti tiddeċiedi fuq kawżali diversa, id-deċiżjoni tagħha tkun *extra petita*; (ii) hemm l-*extra petita* jew l-*ultra petita* meta tiġi sostitwita għall-azzjoni jew għad-domanda avvanzata mill-attur, azzjoni jew domanda oħra li minnu ma ġietx proposta, jew meta d-deċiżjoni tmur aktar 'l hemm mid-domanda jew azzjoni avvanzata."

Il-Qorti tirrileva illi l-artikolu 790 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> "Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Noel Attard *vs* Peter u Doris konjuġi Theuma**[7], dan id-dispost tal-liġi ġie spjegat b'dan il-mod:

> "Ibda biex, qari akkurat tal-artikolu 790 tal-Kap. 12 jindika kjarament li sakemm huwa legalment u proċeduralment possibbli, sentenza mogħtija minn Qorti għandha tiġi "salvata", dejjem <u>jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha</u>. Għal din in-norma, il-liġi stess tispeċifika numru ta' eċċezzjonijiet li, jekk huma preżenti, jannullaw effettivament il-ġudikat. Fost dawn l-eċċezzjonijiet li jinvalidaw il-ġudikat hemm dik fil-każ li <u>s-sentenza</u> tal-ewwel Qorti hija "*extra petita*" jew "*ultra petita*". Mela, dak li hu importanti hawn mhijiex daqstant il-motivazzjoni tas-sentenza <u>imma dak li attwalment ġie deċiż</u>, jiġifieri d-'decide'. Jekk dak li ġie deċiż imur oltre u lil hinn minn dak mitlub fiċ-ċitazzjoni, allura jkun hemm tassew raġuni li għandha twassal għan-nullità tas-sentenza. Imma jekk dak li jiġi deċiż ikun sostanzjalment korrett u fil-parametri tat-talba jew talbiet tal-parti attriċi, allura ma hemmx lok ta' annullament. Jekk, per eżempju, f'kawża ta' danni (bħal ma hi dik in eżami), hemm talba waħda biss dwar dikjarazzjoni ta' responsabbilità, l-ewwel Qorti ma tkunx tista' tgħaddi wkoll għal-likwidazzjoni u għall-kundanna tal-ħlas ta' danni għax jekk

[7] Q.A., 25.04.2008.

tagħmel hekk tkun tat sentenza li, almenu f'parti minnha, tammonta għal sentenza *extra petita.* Jekk, invece, jirriżulta li hemm talba biex jitħallsu danni f'somma li ma taqbiżx il-ħamest elef euro (€5,000) u, minflok, tillikwida u tikkundanna lid-debituri għal ammont ogħla, allura hemm ukoll ikun ifisser li dik is-sentenza tkun waħda *ultra petita.*"

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Veronique Amato Gauci et *vs.* Marco Zammit et**[8], il-Qorti elaborat dwar liema huma l-kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li jistgħu jitqajmu *ex ufficio* mill-ġudikant:

"Illi għal dak li jirrigwarda l-azzjonijiet ċivili, il-proċedura tillimita ħafna l-inizjattivi li l-Qorti tista' tieħu minn rajha. Fost dawn, per eżempju, hemm il-ġurisdizzjoni, fejn jekk jirriżultalha illi m'għandhiex kompetenza jew ġurisdizzjoni biex tisma' kawża, **il-Qorti tista' *ex officio* tqajjem din il-kwistjoni peress illi hi ta' ordni pubbliku.** L-istess fil-każ ta' mandat in factum fejn il-Qorti tista' *ex officio* teżamina r-raġunijiet għall-ħruġ ta' dan il-Mandat (ara **Xuereb *vs* Xuereb** Appell 27 ta' Marzu, 2003):

1. Huwa prinċipju magħruf illi l-Imħallef ċivili għandu, fl-għoti tas-sentenza f'kawża, joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruħu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet, min-naħa l-oħra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx għad-deċiżjoni tiegħu, **ammenocche non si tratta minn kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imħallef hu obbligat jirrileva *ex officio;* Joseph Gatt *vs* Joseph Galea**; Appell Ċivili, 12 ta' Lulju 1965; **Reġina mart Francis Cacciattolo *vs* Francis Cacciattolo**, Appell Ċivili, 30 ta' Ġunju 1976;

2. **Il-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet li mhix awtorizzata espressament mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku**, altrimenti kwalunkwe kwistjoni legali tkun tista' tiġi sollevata mill-Qorti, prattika din mhix rakkomandabbli li tista' twassal għal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeċiedi fuq l-eċċezzjoni tagħha stess" – **Anthony Hammett noe *vs* Vincent Genovese pro et noe**, Appell Kummerċjali, 31 ta' Jannar 1991;

[8] App. Ċiv. (Inf.), 19.05.2004.

Deċiżjoni oħra f'dan is-sens kienet dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili Inferjuri fl-ismijiet **Borg *vs* Halmann Limited**, fl-20 ta' Ottubru 2003 fejn ingħad li:

"Hu prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza f'kawża l-ġudikant għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruħu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet, min-naħa l-oħra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx għad-deċiżjoni tiegħu. Dan dejjem salv meta non si tratta minn kwistjoni ta' ordni pubbliku fejn allura l-ġudikant hu obbligat li jirrileva *ex officio.* Ara **Cacciattolo ultrinque**, Appell Ċivili, 30 ta' Ġunju 1976."

F'**Galea et *vs* Calleja pro et**, deċiża fil-25 ta' Mejju 2001, il-Qorti tal-Appell spjegat għal darb'oħra li:-

"**Fis-sistema ġudizzjarju tagħna, il-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet, li ma hix awtorizzata espressament mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku.** Dan billi bħala norma l-ġudikant għandu jiddeċiedi l-kawża billi joqgħod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet." (enfasi miżjud).

L-istess intqal fi **Grech *vs* Saglimene et** deċiża fid-9 ta' April 1992 mill-Qorti tal-Kummerċ. Tal-istess portata kienet ukoll id-deċiżjoni fl-ismijiet **Gatt *vs* Debono et** tat-2 ta' Frar 1990 mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili:

"Skont il-prinċipji tal-Ġustizzja l-ebda Qorti m'għandha d-dritt li tissolleva eċċezzjonijiet *ex officio,* ħlief dawk li l-liġi stess timponi fuqha bħala dover, li huwa dejjem konness ma' xi kwistjoni tal-ordni pubbliku ..." (enfasi miżjud).

Ġie ukoll stabbilit mill-ġurisprudenza li l-kwistjonijiet ta' proċedura jikkonsistu fi kwistjoni ta' natura pubblika, u li konsegwentement tali kwistjonijiet jistgħu jiġu sollevati mill-ġudikant *ex officio.* Hekk per eżempju, fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Cefai Maurice et *vs* Fenech Doris**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Novembru 2002, intqal illi:

"Huwa paċifiku illi l-liġi ta' proċedura '*si debbono osservare alla lettera e non per equipollens'* (Vol. XVIII p.i p. 879). Dan għaliex il-proċedura hi konsidrata liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eċċezzjoni relattiva jekk ma

tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata, għandha tiġi mill-Qorti sollevata '*ex officio'* (Vol. XXXVI, P.I, p.204; Vol. XLIV P.I, p. 421)."

F'**Baldacchino Maria *vs* Pace Edwin** deċiża mill-Prim Awla fit-3 ta' Ottubru 2003, il-Prim Awla kkonfermat ukoll illi punt proċedurali jista' jiġi sollevat *ex officio:-*

"Dan premess, il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ jeżisti punt proċedurali assorbenti li l-Qorti għandha d-dmir li tissolleva *ex officio* u tiddeċidieh, avolja ma ġiex hekk sollevat mill-konvenut: ... Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Markiż Anthony Cassar Desain et *vs* Giovanni Pace et**, Appell Ċivili, 15 ta' Ottubru 1965, 'il-proċedura hi liġi ta' ordni pubbliku. Għalhekk ma jistax jiġi ammess li proċedura stabbilita mil-liġi tiġi sostitwita b'oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eċċezzjoni relattiva, jekk ma tiġix sollevata, jew tiġi rinunzjata mill-parti l-oħra, għandha tiġi sollevata mill-Qorti *ex officio."*

Għaldaqstant kienet korretta d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li qajmet minn jeddha l-kwistjoni dwar jekk il-proċedura adoperata mill-appellanti kinitx dik korretta jew le. L-ewwel Qorti kienet korretta wkoll fejn irrilevat li l-proċedura speċjali li ħaseb għaliha l-leġiżlatur meta introduċa l-artikolu 466 tal-Kodiċi tal-Kap. 12, ma kinitx intiża biex tkopri kull tip ta' kreditu dovut lid-dipartimenti governattivi u lill-entitajiet speċifikati, iżda kienet intenzjonata biss għal dawk il-krediti li jissemmew espressament fl-artikolu 466(1) tal-Kap. 12. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz tad-deċiżjoni fl-ismijiet **Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi *vs.* Connie Buhagiar u Martin Buhagiar**[9] spjegat it-tip ta' kreditu li din il-proċedura speċjali *ai termini* tal-artikolu 466(1) tal-Kap. 12, kienet maħsuba għalih:

"Jingħad bla tlaqliq li l-użu tal-Artikolu 466 huwa mezz eċċezzjonali applikabbli għall-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u oħrajn speċifikati fl-Artikolu u dan sabiex il-

[9] 10.04.2013.

Gvern ta' Malta jkun jista', permezz ta' din il-proċedura eċċezzjonali, jiġbor il-krediti dovuti lilu billi l-Kap tad-Dipartiment jikkonferma bil-ġurament li l-kreditu huwa dovut.

Skont l-Artikolu 466 tal-Kap. 12:

"Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt xi liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull **servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenzja jew dritt jew taxxa** oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu huwa dovut ...".

Filwaqt li l-Awtorità temmen li l-leġislatur ipprova jindirizza kull tip ta' kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern, il-liġi mhux hekk tipprovdi għaliex il-liġi f'dan l-artikolu stess telenka tipi ta' krediti li jistgħu jkunu dovuti u wara tikkonkludi bil-kliem "jew dritt jew taxxa oħra dovuti ..." (però dan ma jfissirx li qed tinkorpora kwalunkwe tip ta' kreditu li jista' jkun dovut). Il-kliem "kull servizz, provvista, kera jew għal dritt ta' xi liċenzja jew dritt jew taxxa oħra dovuti" ma jinkludix rifużjoni ta' flus ġia mħallsa.

Il-ħlas li tippretendi l-Awtorità intimata hi rifużjoni tal-flus li tħallsu lir-rikorrent u dan peress li qiegħed jingħad li r-rikorrenti kisru l-obbligu kuntrattwali tagħhom meta naqsu li jippreżentaw prova dwar id-dħul tal-*household* tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti l-interpretazzjoni li l-awtorità intimata tagħti lill-Artikolu 466 tal-Kodiċi hu wiesgħa wisq.

Il-Qorti tispjega u tgħid li bil-kliem "jinġabar lura dejn dovut ... dwar kull servizz" il-leġislatur kien qiegħed jirreferi għall-ħlas, talli persuna tkun ingħatat servizz. F'dan ir-rigward is-somma ta' €560 mhijiex ħlas għal servizz, iżda ħlas lura ta' flus li l-Awtorità intimata tat erronjament lir-rikorrent għar-raġuni li qiegħda tgħid li r-rikorrenti ma mlewx l-applikazzjoni kif imiss.

Mhux argument li ssir referenza għal dik il-parti tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fejn jingħad: "sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi." Dan għaliex il-Qorti tosserva li:-

(a) L-Artikolu 466 ma japplikax għal kull (sottolinear ta' din il-Qorti) kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern jew korp kostitwit b'liġi. Kieku din kienet l-intenzjoni tal-leġislatur ma kienx ikun hemm skop għalfejn jissemmew il-każijiet fejn dik il-proċedura tista' tiġi adottata. Il-lista ta' każijiet fejn tista' tiġi adottata l-proċedura taħt l-Artikolu 466 hi eżawrjenti.
(b) Il-kliem "... sabiex jiġbor kull ammont dovut" ġew inseriti fil-provvediment fir-rigward ta' korp li b'liġi jkun awtorizzat li jiġbor dejn favur il-Gvern jew korp kostitwit b'liġi. B'daqshekk ma jfissirx li l-Artikolu 466 japplika għal kull tip ta' kreditu li jista' jippretendi li għandu l-Gvern jew korp imwaqqaf b'liġi.

Ifisser biss li korp awtorizzat jirkupra dejn favur il-Gvern jew korp imwaqqaf b'liġi, ikun jista' fil-każijiet ikkontemplati fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 jaddotta dak il-provvediment biex jirkupra l-ħlas dovut."

Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti ġurisprudenzjali, din il-Qorti qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti peress li jirriżuta li din hija korretta u arġinata fl-ispirtu ta' dak li tabilħaqq kellu f'moħħu l-leġiżlatur meta introduċa l-proċedura speċjali tal-artikolu 466 tal-Kap. 12.

*It-tieni aggravju: nuqqas ta' apprezzament tal-provi*

In vista tal-fatt li l-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanti, m'hemmx lok li jiġi eżaminat it-tieni aggravju tagħhom, fejn qegħdin jinsistu li l-ewwel Qorti kellha tikkunsidra l-fatti u l-provi prodotti minnhom in sostenn tal-lanjanzi tagħhom. Din il-Qorti hija tal-fehma li tali provi setgħu jiġu eżaminati f'kawża mressqa appożitament taħt l-artikoli 1021

u 1022 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ċertament it-tieni aggravju tal-appellanti f'dan l-appell ma jistax jiġi milqugħ.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

1) **Tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma fl-intier tagħha s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Lulju, 2019;**
2) **Bl-ispejjeż tal-ewwel istanza kif ordnati mill-ewwel Qorti, u bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**